**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artiklu 95(1) u 96 tal-Kap 9**
**tal-Ligijiet ta' Malta**

## Magistrat
## Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D

**II-Pulizija**
**Spettur Paul Camilleri**
**v**

**JOSEPH BONE**

**Seduta ta' llum, 11 ta' Lulju, 2002**

**II-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOSEPH BONE** ta' sittin sena bin Carmel u Josephine nee Fenech, imwieled l-Hamrun nhar t-tletin ta' April, 1939 u joqghod 13, Pietro Floriani Street, Floriana, detentur tal-karta tal-identita numru 352939M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fis-sebgha ta' Gunju, 1999 ghall-habta tal-ghaxra ta' filghodu fil-Floriana ingurja jew hedded lil diversi membri tal-Pulizija, persuni inkarigati skond l-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan s-servizz jew bil-hsieb li jbezzghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakka jew ghamel resiztenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xort'ohra li ma titqisx vjolenza pubblika fuq

diversi membri tal-Pulizija, persuni inkarigati skond l-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond l-ligi minn awtorita kompetenti.

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 95(1) u 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta .

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali esibit f'dawn l-atti a fol 7 tal-process datat tnax ta' Ottubru, 1999.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lil imputat fis-seduta tal-hdax ta' Lulju, 2002 jammetti l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u fuq tali ammissjoni il-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssbu hati taghhom.

Rat il-fedina penali tal-imputat li tinsab esibita a fol 3 tal-atti minn fejn  jirrizulta li hemm biss kontravenzjoni wahda registrata fuqha.

Rat li l-aggressjoni in kwistjoni dimostrata mill-imputat versu l-Ufficjali tal-Pulizija kienet *de minimis*.

**Ghaldaqstant wara li tiddikjara li qed issib lil imputat JOSEPH BONE hati taz-zewg akkuzi kif addebitati lilu fuq ammissjoni tieghu stess tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' tlett mitt lira maltin, liema multa ghandha tithallas f'rati mensili u konseguttivi ta' hamsin lira maltin ai termini tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u f'kaz li l-imputat jonqos li jaghmel pagament wiehed, il-bilanc dovut jigi konvertit fi prigunerija.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**